# ARBITRU

## Dott. Deborah Schembri

## Seduta ta' nhar it-Tnejn, 28 ta' Ottubru, 2024

**Talba Nru: CCT83/24/DS**

**Kurt Vella St. John**

**Vs**

**RCC CO. Ltd. (C-73641)**

**It-Tribunal**

Ra l-avviż tar-rikorrenti pprezentat fis-17 ta' April, 2024 fejn talab illi s-soċjeta' intimata tirrifondi depożitu ta' erbat elef ħames mija u ħamsin Ewro (€4,550) għaliex ma żammitx mal-obbligu tagħha li tforni l-aperturi ordnati mingħandha;

Ra illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ daħħlet risposta fil-15 ta' Mejju, 2024 fejn primarjament qalet illi d-depożitu kien ta' erbat elef u ħamsa u disgħin Ewro (€4,095) u mhux dak ta' erbat elef ħames mija u ħamsin Ewro (€4,550) u li ġaladarba l-attur qal lis-soċjeta' attriċi illi ma riedx aktar il-prodott iżda ried rifużjoni u l-kundizzjonijiet tal-akkordju bejniethom kienu illi jekk ikun hemm kanċellament tal-ordni id-depożitu jintilef a favur tas-soċjeta' intimata, it-talba tal-attur m'għandhiex tintlaqa;

Ra illi l-partijiet preżentaw il-pużizzjoni tagħhom waqt dawn il-proċeduri;

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' x-xhieda prodotti, bil-ġurament.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi jirriżulta illi l-attur kkonferma il-punti essenzjali tat-talba tiegħu, bl-informazzjoni illi niżżel fiha, taħt ġurament kif ukoll żied xi nformazzjoni addizzjonali permezz tax-xhieda tiegħu.

Illi s-soċjeta' intimata tat ir-risposta tagħha fejn spjegat għaliex fl-opinjoni tagħha dak mitlub ma setgħax jintlaqa' minnha.

Illi l-fatti in sucċint huma s-segwenti: L-attur ordna aperturi mingħand is-soċjeta' intimata illi ħallas depożitu għalihom. M'hemmx qbil dwar kemm kien dan id-depożitu *stante* illi l-attur isostni li kien erbat elef ħames mija u ħamsin Ewro (€4,550) filwaqt li s-soċjeta' intimata tgħid illi kien biss erbat elef u ħamsa u disgħin Ewro (€4,095). Minn naħa tiegħu l-attur fl-affidavit tiegħu jissottometti illi huwa kien ħa loan mill-bank pero' sabiex ikun jista' jsir dan il-bank eżiġa illi jitħallas 10% tal-ammont mill-klijent w'għaldaqstant huwa kien ħareġ l-ammont ta' erba mija ħamsa u ħamsin Ewro (€455) kontanti sabiex jgħaqqad l-ammont. Is-soċjeta' intimata permezz tal-affidavit tas-Clive Ciappara kkonfermat li dan huwa l-każ u rrinunċjat għall-eċċeżżjoni tagħhha f'dan ir-rigward.

Illi l-attur kien informa lis-soċjeta' intimata illi ma setgħax isir ix-xogħol mill-ewwel għaliex il-post kien għadu qiegħed jiġi żviluppat. Kien hemm qbil illi l-aperturi għandhom isiru wara. F'punt minnhom is-soċjeta' intimata kienet infurmat lill-attur illi x'xogħol kien għola u huwa ma kellux problema illi jħallas aktar għaliex kien konsapevoli illi l-materjal għola minħabba l-pandemija tal-COVID 19.

Illi f'Jannar 2023 meta x-xogħol kien lest u l-attur informa lis-soċjeta' attrici illi l-aperturi kienu lesti għall-kejl pero' jsostni, fl-affidavit tiegħu, illi ġie nfurmat illi minn Clive Ciappara illi l-kumpanija kienet għaddejja minn problemi minħabba xi frodi mill-*ex partner* tiegħu li dwarhom kien hemm proċeduri barra minn Malta u ma setgħax jipprovdi aktar is-servizz. L-għada kien baghtlu email biex jingħata lura d-depositu fid-dawl ta' dan kollu pero' baqa' mingħajr tweġiba u mingħajr rifużjoni. Minn naħa tiegħu Clive Ciappara fl-affidavit tiegħu jgħid illi il-kumpanija qatt ma kienet falluta, qatt ma kellu business partners u qatt ma kien involut fi proċeduri ġiudizzjarji fl-Italja. Dan it-Tribunal m'għandux mezz kif ikun jaf x'intqal waqt it-telefonata bejnet il-kontendenti pero' fl-ebda ħin qabel is-smiegħ ta' din il-kawża s-soċjeta' intimata ma ċaħdet dak illi kien kiteb bħala stat ta' fatt fuq l-*email* u fuq in-'*Notification of Complaint to Trader*' mibgħuta fid-9 ta' Frar, 2024, meta setgħet liberalment tagħmel dan.

Illi ta' min josserva illi l-*email* mibghuta fl-24 ta' Jannar, 2023 kienet tinkludi wkoll il-kliem '*I called you yesterday in order to receive the apertures I paid the deposit for as in the attached sales order.*' Dan il-punt ukoll qatt ma ġie mwieġeb mis-

soċjeta' intimata w'għaldaqstant fid-29 ta' Jannar, 2023 intbagħatet email oħra bħala '*reminder*' li wkoll ġiet injorata u għal darb'oħra fis-16 ta' Mejju, 2023 intbagħtet email mill-attur bi spjeġa mill-ġdid u supplika biex jingħata lura d-depożitu sabiex ikun jista' jipproċedi b'arranġamenti alternattivi u għal darb'oħra ma kien hemm l-ebda tweġiba. Dan it-Tribunal iħoss illi miċ-ċirkustanzi jidher illi l-verżjoni tal-attur hija l-aktar verżjoni verosimili għal verita'.

**Ikkunsidra ulterjorment**

Illi rigward it-tħassir tal-ordni u l-fatt illi hemm imniżżel illi '*a confirmed order cannot be cancelled in part or in whole without the company's consent.*' dan it-Tribunal jirrileva illi huwa ma ġie preżentat l-ebda dokument illi juri illi din il-klawsola kienet miftehmha bejnet il-partijiet, infatti il-kontra huwa l-każ għaliex fuq l-imsemmi dokument hemm spazju fejn il-partijiet jiffirmaw id-dokument iżda dawn l-ispazji huma battala. Dan huwa rifless kemm fil-*Quote* kif ukoll fis-*Sales Order* w'għaldaqstant ma jistgħax jingħad illi l-attur kien marbut bl-osservanza ta' dak illi hemm indikat. Issir hawn referenza għall-fatt illi Clive Ciappara aċċetta illi dawn id-dokumenti huwa awtentiċi bil-fatt illi huwa qal illi ġew eżibiti mis-Sur Kur Vella St John u għalhekk ma kienx ser jerġa jippreżentahom u għaldaqstant m'hemmx dubju illi dawn id-dokumenti setgħu kienu ffirmati pero' t-Tribunal ma ngħatax il-kopja l-iffirmata. Barra min hekk din il-klawsola rigwardanti t-telf tad-depożitu hija klawsola illi għandha titqies mhux ġusta u projbita skont artikolu 44 tal-**Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta – Taqsima VII Klawsoli mhux ġusti f'kuntratt** dana għaliex hija klawsola eskludiet:

> '*id-dritt legali tal-konsumatur kontra l-kummerċjant fil-każ ta' nuqqas totali jew parzjali ta' twettiq jew ta twettiq inadegwat mill-kummerċjant ta' xi waħda mill-obbligazzjonijiet kuntrattwali tiegħu.*' (Ara Artikolu 44(2)(ċ)

Illli dan jgħodd ukoll għall-klawsola rigwardanti d-depożitu u cioe illi '*deposit... will be forfeited in case of canellation of the order.*' F'din l-istanza wkoll, din il-klawsola rigwardanti t-telf tad-depożitu hija klawsola illi għandha titqies mhux ġusta u projbita skont artikolu 44 tal-**Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta – Taqsima VII Klawsoli mhux ġusti f'kuntratt** dana għaliex hija klawsola illi tippermetti:

> '*lill-kummerċjant li jżomm ammonti mħallsa mill-konsumatur jekk il-konsumatur jiddeċiedi li ma għandux jikkonkludi jew iwettaq il-kuntratt, mingħajr ma jiġi provdut għall-konsumatur li jircievi kumpens f'ammont ekwivalenti mingħand il-kummerċjant meta l-kummerċjant ikun dik il-parti li tkun qiegħda tħassar il-kuntratt*' (Ara Artikolu 44(2)(f)

Għaldaqstant dawn il-klawsoli, skont l-istess Artikolu 44(1) hawn fuq imsemmi, għandhom jitqiesu bħallikieku qatt ma kienu iddaħlu.

Illi f'dan l-isfond dan it-Tribunal isib illi t-talba tal-attur hija ġustifikata fil-liġi mix-xhieda u l-provi dokumentarji prodotti fl-atti u għaldaqstant hemm bażi legali sabiex din it-talba tiġi akkolta.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti prova il-każ tiegħu suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tiegħu għandha tiġi milqugħa fl-intier tagħha.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna s-soċjeta' intimata tirriżarċixxi l-ammont ta' erbat elef ħames mija u ħamsin Ewro (€4,550) lill-attur filwaqt illi jeħles lis-soċjeta' intimata mill-obbligu illi tforni l-aperturi.

Bl-ispejjes kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Deborah Schembri**
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
P.G. Cert. (Parental Alienation)(IFT-Malta),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

**Arbitru**